# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 168/2017 AGV**

**AB (ID nru: 453582M)**

**Vs**

**CD (ID nru :141781M), f' isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha ED u Direttur Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 11 ta' Lulju 2017, fejn espona bir-rispett u kkonferma;**

1. Illi l-esponenti kellu relazzjoni intima ta' madwar sena mal-konvenuta minn liema relazzjoni twieled il-minuri ED fix-xahar ta' Jannar 2017;

2. Illi sfortunatament, hekk kif il-partijiet kienu jafu bl-ahbar tat-tqala l-konvenuta temmet hesrem ir-relazzjoni ta' bejnha u l-esponenti u zammet lill-esponenti minghajr ebda informazzjoni dwar il-progress tat-tqala u l-eventwali data tat-twelid tal-minuri;

3. Illi l-konvenuta, matul il-gravidanza taghha, ghamiltha cara mal-esponenti sabiex jieqaf jikkomunika maghha u mhux bi hsiebha taghmlu parti minn hajjjet il-minuri wara li jitwieled;

4. Illi l-konvenuta minkejja li l-esponenti ilu diversi xhur jitolbha biex jara lil ibnu, hija ghazlet li zzommu distanti minnha u mill-minuri u fil-fatt l-esponenti, ghadu imcahhad milli jara lill-minuri sal-gurnata tal-lum;

5. Illi jirrizulta li c-certifkat tat-twlied tal-imsemmi minuri, l-istess minuri gie registrat bhala bin missier mhux maghruf;

6. Illi nhar it-3 ta' Marzu 2017, l-esponenti pprezenta ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok CD 1);

7. Illi ghalkemm l-konvenuta giet notifikata fit-13 ta' Marzu 2017, bl-imsemmija ittra ufficcjali numru 24/2017, hija ma wegbitx ghall-istess, prova cara kemm il-konvenuta tibqa' determinata li ccahad lill-esponenti milli jirrikonoxxi lill-minuri, bhala ibnu b'dan illi allura necessarjament kellhom jigu istitwiti l-prezenti proceduri;

8. Illi minhabba li l-konvenuta baqghet tirrifjuta li taghti informazzjoni lill-esponenti dwar il-minuri msemmi, inkluz u cioe' lanqas ma tat spjegazzjoni accettabbli ghaliex fl-interess tal-minuri ma kkooperatx mal-esponenti, sabiex bonarjament jigi stabbilit jekk kienx il-missier tat-

tarbija, f' dal-istadju l-esponenti huwa nieqes mid-data preciza u korretta tat-twelid, msemmi u sussgewentament lanqas in-numru tac-certifikat tat-twelid tal-istess;

9. Illi dal-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-esponenti, li jinsab frustat ghal ahhar illi mindu l-konvenuta gharfitu li kienu qed jistennew tarbija, sal-lum u cioe' wara t-twelid tal-istess minuri, intortament huwa qatt ma ra lil ibnu;

10. Illi l-prezenti proceduri qed isiru ai termini tal-artikoli 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wara li jsiru t-testijiet xjentifici necessarji, jigi ddikjarat li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri u sabiex issir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid, tal-imsemmi minuri, billi fil-kolonna intestata Isem u kunjom u Post tat-twelid tal-missier, jithassru l-kliem "unknown father," u minflok jitnizzel isem u kunjom l-missier, AB, imwieled Pieta' Malta, u dan minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-konvenut Direttur Registru Pubbliku;

Ghaldaqstant ghal ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali ta' ED u dan anke wara li din istess Qorti joghgobha tinnomina periti esperti;

2. Tordna lill-intimat Direttur Registru Pubbliku sabiex jaffettwa d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' ED, fis-sens illi fil-kolonna Isem u Kunjom u Post tat-twelid tal-missier, fejn illum hemm "Unknown Father," jitnizzel isem l-attur AB;

3. Tordna illi kunjom il-minuri jigi registrat bhala “B”;

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid, tal-minuri u f’ kull att iehor civili tal-imsemmija minuri b’dan illi jigi indikat il-kunjom B, minflok D;

5. Tordna lill-intimata CD, thallas l-ispejjez ta’ din il-kawza inkluz ukoll dawn tal-ittra ufficcjali tat-13 ta’ Marzu 2017, numru 24/2017 peress illi dawn il-proceduri kellhom isiru b’rizultanza tal-inadempjenza taghha tal-istess ittra ufficcjali notifikata lilha fit- 30 ta’ Marzu 2017;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata CD, minn issa stess ingunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 12 ta’ Settembru 2017;**

1. Illi fil-mertu l-esponenti tistqarr li hi mhix edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

2. Illi stante s-suespost f’dan l-istadju l-esponenti tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottmettu ruhhom ghal testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex jigi vverifikat jekk l-attur huwa verament l-missier naturali tal-minuri ED;

3. Illi bla hsara ghas-suespost f' kaz li jintlaqghu t-talbiet tal-rikorrenti minn dina Onorabbli Qorti, l-esponenti tistieden lir-rikorrent, sabiex permezz ta' nota, jipprezenta d-dettalji tieghu kollha, senjatament is-segwenti, numru tal-karta ta' l-identita' , ismu u kunjomu, l-eta' tieghu meta twieled il-minuri, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu. Meta twieled il-minuri ED, isem u kunjom ta' missieru, u jekk l-imsemmi missier patern kienx haj fiz-zmien meta twieled il-minuri ED. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-att tat-twelid tal-minuri.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b' mod definittiv, liema kunjom ghandu jassumi l-minuri ED, u dan a tenur tal-artiklu 92 (6) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghas-suespost, l-esponenti tissottometti li fi kwulnkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti, mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, u kwindi hija ma ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed jigi minn, issa ingunt in subizzjoni.

**Rat is-sentenza** tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Mejju, 2019.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta, stante l-fatt li l-konvenuta kienet kontumacja.

## FATTI

1. Dr. Marisa Cassar, wara li ezaminat il-kampjuni orali ta’ CD, ED and AB, irrizultalha li AB hu l-missier naturali ta’ ED u dan jinsab ikkonfermat fir-rapport taghha PT 1701163.

2. L-attur pprezenta l-varji dettalji tieghu sabiex jikkonferma t-t-tibdiliet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri ED; -

i) Karta ta’ identita’ – 453582 (M);

ii) Isem missieru – FB li kien ghadu haj meta twieled il-minuri;

iii) Meta twieled il-minuri kien joqghod Rahal Gdid u ghadu joqghod hemm.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-konvenuta ma kinitx ipprezentat ir-Risposta taghha ghal kawza ta’ dikjarazzjoni ta’ paternita’ u wara li nghatat sentenza mill-Qorti tal-Familja, ittentat tipprezenta appell stante l-fatt li ma nghatatx id-dritt li tipprezenta s-sottomissjonjiiet taghha, minkejja l-kontumacja taghha. Dan l-appell gie milqugh fid-9 ta’ Mejju, 2019.

Il-konvenuta, ghalkemm ma tichadx li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E, temmen li qatt ma kellu jew wera interess fil-minuri u tiddubita kemm verament jista’ jkun missier tajjeb u topponi ghar-rikonoxximent. Tghid ukoll li l-attur lanqas jaf id-data tat-twelid preciza u korretta tal-minuri.

Il-kawza odjerna, hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita'. Dr. Cassar ikkonfermat li l-attur huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E. Il-ligi Maltija qiedgha hemm sabiex dejjem tissalvagwardja l-interessi tal-minuri u l-istat tieghu. Jekk minn stat ta' illegitimita' u wild "unknown father", l-istat tieghu ser jigi legittimizzat permezz ta' dina s-sentenza dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri.

Huwa irrelevanti f'dan l-istadju jekk l-attur huwiex missier responsabbli jew le u dawn il-lanjanzi lanqas jiffurmaw il-mertu ta' dina l-vertenza odjerna. Il-konvenuta ghandha rimedji ohra biex tipprotegi l-interessi tal-minuri jekk thoss li l-attur mhux missier responsabbli. Jekk hemm provi sufficjenti biex jikkonfermaw ir-rikonoxximent, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tiffavorixxi dak it-tibdil fl-istat tal-minuri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri ED;

ii) Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li ssir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ai termini tad-dettalji fuq imnissla;

iii) Tilqa' t-tielet talba attrici;

iv) Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna l-korrezzjoni kif dedotta;

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenuta.

**Imhallef Dr. Anthony. J. Vella** **Registratur**